# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem
Rikors Numru: 217/2019 VGA

**Spinola Development Company Limited (C331)**

***vs***

**Anthony Micallef (K.I. 164646M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-avvizipprezentat fis-7 ta' Ottubru 2019 fl-liema avviz il-kumpanija rikorrenti talbet lil intimat jghid "*ghaliex m'ghandekx tkun ikkundannat li thallas (lill-kumpanija rikorrenti) is-somma komplessiva ta' sitt t'elef erbgha mija u tlieta u erbghin euro u tmienja u disghin centezmu (€ 6,443.98) rapprezentanti dak dovut mill-(intimat) in konnessjoni ma' Common Costs ghas*-snin 2018 u *2019 u Service Charge ghas-snin 2017 u 2018 dovut fir-rigward tal-apartament tal-(intimat) bin-numru 1382, fi hdan il-Portomaso Complex, Portomaso, San Giljan u hekk kif muri ahjar fl-anness prospett li qed jigi mmarkat bhala*

*Dokument "A", liema somma komplessiva inti bqajt ma' hallastx nonostante diversi interpellazzjonijiet li sarulek, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) mid-dati tar-rispettivi fatturi indikati fil-fuq imsemmija prospett mmarkat bhala Dokument "A" sal-hlas affettiv*" [1]

2. Rat illi minkejja debitament notifikat, l-intimat baqa' ma' pprezenta l-ebda risposta.

3. Rat id-dokumenti kollha annessi mal-avviz tat-talba kif ukoll l-atti sussegwenti.

4. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020, Dr. Carole Zammit Montebello ghall-kumpanija rikorrenti xehdet illi l-intimat hallas is-*sorte* fil-mori tal-kawza wara li l-intimat kien diga gie notifikat bl-atti tal-istess. Xehdet ukoll illi wara li giet mitluba taxxa *come ceduta* tal-ispejjez tal-kawza, kopja ta' din giet mghoddija lill-intimat li madanakollu baqa' ma' hallasx dawn l-ispejjez lill-kumpanija rikorrenti.

5. Rat li fis-seduta msemmija giet ipprezentata ukoll nota f'dan ir-rigward mill-kumpanija rikorrenti li permezz taghha *inter alia* cediet it-talbiet taghha fuq il-kap tas-sorte izda zammet ferm it-talba taghha fuq il-kap tal-ispejjez.

6. Rat li fis-seduta msemmija il-Qorti qieset illi l-intimat ma' kellux provi x'jipproduci f'dan ir-rigward stante illi naqas milli jidher ghall-istess seduta minghajr ebda gustifikazzjoni.

**Ikkunsidrat**

7. Illi mid-dokumenti u xhiedha prodotti in sostenn tat-talba jirrizulta illi dak mitlub mill-kumpanija rikorrenti kien misthoqq tant illi l-hlas gie saldat mill-intimat fil-mori tal-kawza.

8. Illi ma' ngiebet l-ebda prova mill-intimat fis-sens illi ghalkemm l-ammont mitlub kien verament dovut minnu, huwa ma' kienx gie interpellat qabel il-ftuh

[1] Fol. 1

tal-kawza sabiex jeffettwa tali hlas u li ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportjati mill-kumpanija rikorrenti.

**Decide**

9. **Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti fir-rigward tal-ispejjez biex b'hekk dawn ghandhom jithallsu interament mill-intimat.**

*(ft)* **Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

*(ft)* **Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**